MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX)

# (GURISDIZZJONI SUPERJURI)

# (SEZZJONI GENERALI)

## MAGISTRAT DR.

## PAUL COPPINI

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2014

Citazzjoni Numru. 135/2000/1

**Louis Calleja**

**vs**

**Joseph Calleja, u b'digriet tal-5 ta' Awwissu 2013,
il-ġudizzju ġie trasfuż f'isem l-armla tiegħu Grace Calleja u
wliedu Maria Grima, Frances Attard, Carmel sive Charles Calleja
u Louis Calleja, stante il-mewt tiegħu fil-mori tal-kawża**

Il-Qorti,

Rat iċ-Ċitazzjoni li permezz tagħha l-attur, wara li ppremetta:

Illi l-attur huwa l-inkwilin u fil-pussess ta' porzjon art magħrufa "Tal-Wied tal-Grazzja", tal-kejl ta' ċirka tomna pari għal elf mija u erbgħa u għoxrin metri kwadri (1,124m.k.) jew kejl verjuri, u konfinanti minn nofsinhar in parti ma' l-isqaq, in parti mar-raba' fil-pussess tal-konvenut hawn taħt deskritt, u in parti mar-raba' fil-pussess ta' Anthony Calleja jew l-aventi kawża tiegħu, lvant u tramuntana ma' beni fil-pussess ta' Anthony Calleja jew l-aventi kawża tiegħu, u punent ma' raba' ieħor fil-pussess tal-attur – dan ir-raba' huwa ndikat bl-aħdar fuq l-anness pjanta markata A;

Illi l-konvenut huwa l-inkwilin u fil-pussess ta' porzjon art li tikkonfina ma' l-art fuq deskritta minn naħa tat-tramuntana, tal-kejl ta' ċirka tomna pari għal elf mija u erbgħa u għoxrin metri kwadri (1,124m.k.) jew kejl verjuri, u konfinanti mill-punent u nofsinhar ma' l-isqaq li jiżbokka fi Triq Marsalforn, Victoria, u lvant ma' beni fil-pussess ta' Anthony Calleja jew l-aventi kawża tiegħu – dan ir-raba' huwa ndikat bl-aħmar fuq l-anness pjanta markata A;

Illi dan ir-raba' tal-konvenut jintlaħaq mill-isqaq kemm bir-riġel kif ukoll permezz ta' l-inġenji tar-raba' vetturi agrikoli, u vetturi oħra – dan l-isqaq huwa ndikat bl-isfar fuq l-anness pjanta markata A;

Illi pero' fix-xhur tas-sajf il-konvenut minflok ma jidħol fil-għalqa tiegħu fuq deskritta mill-isqaq bl-inġenji u l-vetturi agrikoli, huwa jeżerċita wkoll mogħdija oħra minn fuq ir-raba' tal-attur, liema mogħdija tintlaħaq min-naħa tat-tramuntana tar-raba' tal-attur u li għandha d-dħul tagħha wkoll minn Triq Marsalforn, Victoria;

Illi l-konvenut minflok ma qiegħed juża din il-mogħdija tas-sajf mill-estremita' tal-punent tal-art fil-pussess tal-attur, li tikkonfina mat-tarf tal-isqaq minn naħa ta' nofsinhar, huwa qiegħed jgħaddi bl-inġenji u l-vetturi agrikoli minn ġo nofs ir-raba' tal-attur u dan bi ħsara bħall-prodott li jkun hemm fl-istess raba', u meta r-raba' tal-konvenut jista' xorta waħda jintlaħaq faċilment mill-estremita' tal-punent għal ġol-isqaq mingħajr il-ħtieġa li l-konvenut jgħaddi minn nofs ir-raba' tal-attur u jagħmel ħsara lilll-prodott u lis-sistema ta' irrigazzjoni fir-raba' tal-attur;

Illi minkejja li l-konvenut ġie interpellat diversi drabi sabiex ma jerġax jgħaddi minn ġo nofs ir-raba' tal-attur bi ħsara għall-attur, il-konvenut injora dawn l-appelli u baqa' jgħaddi xorta waħda bħal qabel;

Illi l-attur irid li din il-Qorti tiffissa u tistabilixxi definittivament dawk il-modalitajiet ta' kif u l-perijodu estiv li matulu l-konvenut għandu jeżerċita l-mogħdija tiegħu bl-inġenji u l-vetturi agrikoli minn fuq ir-raba' tal-attur b'mod li din il-mogħdija ma tikkawża ebda ħsara jew l-inqas ħsara lill-attur.

Talab lill-konvenut jgħid għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Tiffissa u tistabilixxi jekk hemm bżonn bl-opera ta' perit nominand, dawk il-modalitajiet li bihom l-konvenut għandu jeżerċita l-mogħdija tiegħu bl-inġenji u l-vetturi agrikoli minn ġor-raba' tal-attur, b'mod li ma jikkawża ebda ħsara jew l-inqas ħsara possibbli lill-attur, u l-perijodu li fih il-konvenut għandu jeżerċita din il-mogħdija, u l-wisa' li għandu jkollha din l-istess moghdija;

2. Tordna u tikkundanna lill-konvenut sabiex jeżerċita din il-mogħdija mir-raba′ tal-attur skont il-modalitajiet u fit-termini hekk iffissati u stabbiliti.

Bl-ispejjeż inklużi tal-ittra uffiċċjali tat-3 ta′ Lulju 2000 u bl-inġunzjoni tal-konvenut għas-subizzjoni li għaliha minn issa jinsab imħarrek.

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti ta′ l-attur debitament ikkonfermata bil-ġurament tiegħu.

Rat in-Nota ta′ l-Eċċezzjonijiet tal-konvenut li eċċepixxa:

1. Illi in linea preliminari, in-nuqqas ta′ kompetenza ta′ din l-Onorabbli Qorti *rationae valoris*, stante illi hawn si tratta minn drittijiet lokatizji illi ċertament ma jeċċedux il-valur ta′ elf lira maltija (Lm1,000);

2. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, mhuwiex minnu illi l-esponenti qiegħed jeżerċita xi dritt ta′ aċċess minn ġo nofs l-għalqa tal-attur, anzi għall-kuntrarju qiegħed dejjem iżomm rasenti l-ġenb tal-istess għalqa mikrija lill-attur sakemm jilħaq l-art mikrija lilu;

3. Illi l-esponenti lest illi jagħti l-kunsens tiegħu sabiex is-sit preċiż minn fejn jiġi eżerċitat id-dritt tal-passaġġ jiġi stabbilit b′mod premanenti fl-interess ta′ kulħadd u ċertament ma kienitx meħtieġa din iċ-ċitazzjoni sabiex isir dan;

4. Illi f′dawn iċ-ċirkostanzi, din iċ-ċitazzjoni hija inutli u intempestiva, u l-ispejjeż tagħha għandhom jiġu sopportati intermanet mill-attur;

5. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenut kkonfermata bil-ġurament tiegħu.

Rat is-sentenza preliminari tagħha tal-4 ta' Ottubru 2002 dwar il-kompetenza ta' din il-Qorti.

Rat il-verbal tad-difensuri tal-partijiet tal-10 ta' Ġunju 2014 fejn talbu sentenza a bażi tat-transazzjoni milħuqa bejniethom fis-17 ta' Mejju 2014.

Rat l-iskrittura privata ndikata, ppresentata seduta stante fl-istess udjenza.

Rat id-digriet tagħha tal-10 ta' Ġunju 2014 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Ikkunsidrat:

Permezz ta' din il-kawża l-attur qed jitlob li jiġu stabiliti l-modalitajiet ta' dritt ta' passaġġ li l-konvenut bħala inkwilin ta' biċċa raba' jgawdi fuq raba' oħra mqabbla għandu u adjaċenti għal tiegħu fl-inħawi tal-wied tal-Grazzja, limiti taż-Zebbuġ, Għawdex.

Fis-17 ta' Mejju 2014 il-partijiet fil-kawża laħqu transazzjoni fir-rigward ta' din il-pendenza eżistenti bejniethom, u fl-udjenza tal-10 ta' Ġunju 2014 talbu lil din il-Qorti sabiex tagħti sentenza a bażi ta' din it-transazzjoni.

Fl-iskrittura privata relattiva il-partijiet, wara li ppemettew illi bejniethom hemm pendenti quddiem din il-Qorti l-kawża odjerna, u ddikjaraw li laħqu ftehim biex iġibu fi tmiemha din il-vertenza, qablu li:

*"…l-passaġġ għandu jiġi eżerċitat minn fuq art fil-pussess tal-konjuġi Calleja bejn il-ħmistax (15) ta' Mejju u l-ħmistax (15) ta' Settembru kull sena minn fuq il-parti li qegħda tiġi ndikata b'linji interotti ħomor fuq il-pjanta hawn annessa u mmarkata dokument 'A', liema passaġġ għandu d-dħul tiegħu minn Triq Marsalforn. Din il-pjanta għandha tissostitwixxi dawk il-pjanti l-oħra li saru mill-AIC Edward Scerri u li ġew ippreżentati preċedentement fl-atti tal-kawża fuq imsemmija.*

*Matul dan il-perijodu tas-sena dan il-passaġġ għandu jkun fih wisa' ta' tnejn punt sebgħa erbgħa metri (2.74) u jgħaddi minn fuq raba fil-pussess tal-konjuġi Calleja konfinanti min-naħa tan-nofsinhar eżattament mal-kmamar fil-pussess tal-familja Calleja u jgħaqqad min-naħa tal-punent mal-branka tal-istess passaġġ li timxi lejn it-tramuntana u mbagħad lejn il-lvant sakemm tilħaq Triq Marsalforn, ċjoe' bil-mod kif indikat b'linji interrotti ħomor fuq l-annessa pjanta markata 'A'.*

*Fix-xhur l-oħra l-passaġġ huwa wieħed bir-riġel u dan jiġi eżerċitat minn passaġġ ieħor li ma jgħaddix minn fuq ir-raba' fil-pussess tal-konjuġi Calleja.*

*L-ispejjeż tal-kawża għandhom jitħallsu bin-nofs bejn il-partijiet salv għas-sentenza preliminari tal-14 ta' Ottubru 2002, li l-ispejjeż tagħha baqgħu riżervati għall-ġudizzju finali…"*[1]

[1] Ara skrittura tas17 ta' Mejju 2014, esebita fil-process fl-udjenza tal-10.06.2014

In vista ta' dan il-ftehim il-Qorti għalhekk tiddeċidi l-kawża billi tiffissa l-modalitajiet tal-passaġġ li l-konvenuti għandhom jeżerċitaw minn fuq ir-raba "tal-Wied tal-Grazzja" ndikat fiċ-ċitazzjoni u fil-pussess tal-attur bil-mod segwenti:

dan il-passaġġ għandu jiġi eżerċitat minn fuq art fil-pussess tal-konjuġi Calleja bejn il-ħmistax (15) ta' Mejju u l-ħmistax (15) ta' Settembru kull sena minn fuq il-parti ndikata b'linji interotti ħomor fuq il-pjanta mmarkata dokument 'A' u annessa mal-iskrittura tas-sbatax (17) ta' Mejju elfejn u erbatax (2014), iffirmata mill-partijiet interessati u esebita fl-atti, liema passaġġ għandu d-dħul tiegħu minn Triq Marsalforn.

Matul dan il-perijodu tas-sena dan il-passaġġ għandu jkun fih wisa' ta' tnejn punt sebgħa erbgħa metri (2.74) u jgħaddi minn fuq raba fil-pussess tal-konjuġi Calleja konfinanti min-naħa tan-nofsinhar eżattament mal-kmamar fil-pussess tal-familja Calleja u jgħaqqad min-naħa tal-punent mal-branka tal-istess passaġġ li timxi lejn it-tramuntana u mbagħad lejn il-lvant sakemm tilħaq Triq Marsalforn, ċjoe' bil-mod kif indikat b'linji interrotti ħomor fuq l-annessa pjanta markata 'A'.

Fix-xhur l-oħra il-passaġġ huwa wieħed bir-riġel u dan jiġi eżerċitat minn passaġġ ieħor li ma jgħaddix minn fuq ir-raba' fil-pussess tal-konjuġi Calleja.

L-ispejjeż tal-kawża għandhom jitħallsu bin-nofs bejn il-partijiet, salv għal dawk tas-sentenza preliminari tal-14 ta' Ottubru 2002, li jkunu a karigu tal-konvenuti billi l-Qorti ma laqgħetx l-eċċezzjoni tagħhom dwar in-nuqqas ta' kompetenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------